MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Numru 101/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**
v

**FRANCOIS CUMBO**
**CARMELO CAMILLERI**

**Seduta ta' llum 3 ta' Novembru 2004**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **FRANCOIS CUMBO** ta' wiehd u ghoxrin sena bin Emanuel u Rita nee Zerafa, imwieled Pieta nhar l-erbgha w ghxorin ta' Awissu 1980 u residenti 46, 'Madonnina' Triq Napuljun, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita numru 0393280M u **CARMELO CAMILLERI** ta' wiehed w ghoxrin sena bin Carmelo u Mikelina nee Desira, imwieled Pieta` nhar it-tnejn u ghoxrin ta Frar

1980 u residenti F/H, Sqaq il-Karmnu, Numru 3, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita` numru 0141980M gew imressqa quddiemha akkuzati;

1. Talli nhar l-wiehed u tletin ta' Dicembru 2001 ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu fi Triq it-Tiben, Swieqi, b'rizoluzzjoni wahda, bil-hsieb li jikkommettu delitt wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, billi ttantaw jisirqu vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni BAV 202, liema vettura tiswa aktar minn elfejn lira maltin izda inqas minn tlett elef lira maltin ghad-dannu ta' Raymond Debono, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. Talli fl-ghaxra ta' Jannar 2002, ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, bil-hsieb li jaghmlu hsara lil Raymond Debono w Ufficjali ohra tal-Korp tal-Pulizija, akkuzaw lil dawn il-persuni quddiem awtorita kompetenti b'reat filwaqt li kienu jafu li dik il-persuna hija innocenti;

Lil **Carmelo Camilleri wahdu**

3. Talli fil-wiehed u tletin ta' Dicembru 2001, ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu fi Triq it-Tiben, Swieqi, kien fil-pussess ta' strument li jaqta u bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Lil **Francois Cumbo wahdu**

4. Talli fl-ghaxra ta' Jannar 2002, ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, hedded lil Ispettur Robert Gregory, liema persuna huwa inkarigat skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

5. Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar t-tnejn ta' Lulju 2000 mill-Magistrat Miriam Hayman.

Rat d-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-ghoxrin ta' Settembru 2002 a fol 56 tal-atti sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan wara li gew moqrija lilhom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-seduta tal-ghoxrin ta' Ottubru 2004.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat Carmel Camilleri ghal akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u l-ammissjoni tal-imputat Francois Cumbo ghal akkuzi kollha salv dik ta' recidiva u dan fis-seduta tal-ghoxrin ta' Ottubru 2004 kif jirrizulta a fol 83 tal-atti.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u tathom ftit taz-zmien biex jekk riedu setghu jergghu lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tal- ghoxrin ta' Ottubru 2004 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur taghhom.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputati, hija sodisfatta li l-imputati ghandhom jinstab hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom salv ghal dik ta' recidiva tal-imputat Francois Cumbo.

Ikkunsidrat:

Dwar l-akkuza ta' recidiva fil-konfornt tal-imputat Francois Cumbo, il-Qorti ezaminat is-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat Francois Cumbo esibita fl-atti a fol 48 datata sitta ta' Lulju 2000 markata bhala dokument RG 5 fl-ismijiet Il-Pulizija v Francois Cumbo moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali pero nnotat li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq xhud tal-identita ta' din is-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat Francois Cumbo u ma jidhirx mill-atti li l-Prosekuzzjoi giet ezentata

milli tressaq tali prova u ghalhekk tali akkuza ma gietx ppruvata.

Dwar l-akkuza gia ammessa mill-imputat, il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputati esebita a fol 5 et seq ta’ dawn l-atti minn fejn jirrizulta li l-impuat Francois Cumbo diga kiser dufrejh mal-ligi f'zewg okkazzjonijiet meta nstab hati fuq akkuzi ta' kontravenzjonijiet ta' ingurji lejn Ufficjali Pubblici u xi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza tat-Traffiku w inghata multi.  Filwaqt li l-imputat Carmel Camilleri li llum ghandu erbgha w ghoxrin sena, diga kiser dufrejh mal-ligi f'sebgha okkazzjonijiet l-aktar fuq kontravenzjonijiet u reati in konnessjoni mal-ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku u gie kkundannat wkoll multi w inghata conditional discharge.

Illi ghalhekk, din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi partikolari hija ghandha timponi fuq l-imputati hlas ta' multa.

**Illi ghalhekk l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278, 279, 101(1)(a), 95, 49 u 50 tal-Kap 9 u l-artikolu 13(1) tal-Kap 66, tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat CARMELO CAMILLERI hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u dan fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi billi tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitejn lira maltin u fil-konfront tal-imputat FRANCOIS CUMBO, tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuzi kollha salv u b'eccezzjoni ghal dik ta' recidiva mill-liema akkuza qed tilliberah, u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitejn lira maltin fir-rigward l-akkuzi li taghhom sabitu hati.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------